



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

12491/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0246 (NLE)

---

---

AGRI 434  
PROBA 32  
WTO 163

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-emendar tar-Regoli ta' Proċedura skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, 1995, dwar il-perjodu tal-kuntratt tal-awditur estern

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea  
fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-emendar tar-Regoli ta' Proċedura  
skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, 1995,  
dwar il-perjodu tal-kuntratt tal-awditur estern**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (“il-Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 96/88/KE<sup>1</sup> u daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 1995. Il-Konvenzjoni inizjalment ġiet konkluża għal perjodu ta’ tliet snin u minn dak iż-żmien ġiet estiża regolarment.
- (2) Ir-Regoli ta’ Proċedura skont il-Konvenzjoni (‘ir-Regoli ta’ Proċedura’) ġew approvati mill-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fit-6 ta’ Lulju 1995.
- (3) L-Artikolu 31, il-punt (a), tar-Regoli ta’ Proċedura jistabbilixxi li għandi jinħatar awditur estern indipendenti għal perjodu ta’ tliet snin, li jista’ jiġġedded darba, għal massimu ta’ sentejn.
- (4) Fl-14 ta’ April 2022, is-Segretarjat tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali ppropona li jemenda l-Artikolu 31, il-punt (a), bil-ħsieb li l-perjodu tal-ħatra tal-awditur estern indipendenti jiżdied minn tlieta għal ħames snin, li jista’ jiġġedded darba, għal massimu ta’ tliet snin. L-għan tal-emenda huwa li jiġi offrut perjodu kuntrattwali itwal għal awdituri potenzjali, li min-naħa tagħhom joffru prezzijiet aktar kompetittivi għas-servizzi tagħhom.

---

<sup>1</sup> Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta’ Diċembru 1995 rigward l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar in-Negozju taċ-Ċereali u l-Konvenzjoni tal-Għajnuna Alimentari, li tikkostitwixxi l-Ftehim taċ-Ċereali Internazzjonali tal-1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-emendar tar-Regoli ta' Proċedura dwar il-perjodu tal-kuntratt tal-awditur estern. L-emenda proposta għandha l-għan li ttejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali u għalhekk hija fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandha tkun li tivvota favur l-emenda tar-Regola 31, il-punt (a), tar-Regoli ta' Proċedura skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali, 1995, f'konformità mal-proposta ippreżentata mis-Segretarjat tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali tal-14 ta' Mejju 2022, bil-għan li jiżdied il-perjodu tal-kuntratt tal-awditur estern.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi....,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---